# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 875/97

Joseph Cutajar

vs

Korporazzjoni Enemalta

Illum 29 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn l-1987 u l-1995, ir-rikorrent sofra ingustizzja u dan b'vendikazzjoni mieghu minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:-

1. Ir-rikorrent kien ghal xi snin wiehed fis-segretarjat tal-Onorevoli Wistin Abela, allura Vici-Prim Ministru;

2. F'Dicembru tal-1981 u wara sejha ghall-applikazzjonijiet, huwa nghata l-kariga ta' Segretarju tal-Korporazzjoni. Ma' din il-hatra kienet komplimentari bhala beneficcju l-uzu ta' karozza. Fiz-zmien in kwistjoni ufficjali gholja fil-korporazzjoni kienu nghataw beneficcju bhal dan.

3. Wara bidla fl-amministrazzjoni tal-pajjiz u fil-Bord tad-Diretturi tal-Korporazzjoni c-Chairman il-gdid tal-Korporazzjoni ssospenda l-uzu ta' dan il-benficcju lir-rikorrent. Invece l-Kap tas-Sigurta' subaltern tar-rikorrent fit-taqsima li minnha r-rikorrent kien responsabbli, inghata l-uzu ta' karozza. Nonostante bosta rappresentazzjonijiet ir-rikorrent baqa' minghajr dan il-benficcju;

4. Inoltre l-impjegat Joseph Gauci Grech li nghata wkoll il-kariga ta' Segretarju gie provdut b'karozza bix-xufier maghha. Dan l-impjegat kellu "seniority" anqas minn dak tar-rikorrent relattivament ghall-istess grad. Bhal dan l-impjegat kien hemm Vincent Degaetano, Administrator Adviser, b'rank bhal tar-rikorrent, kif ukoll bosta ufficcjali permanenti fl-istess Korporazzjoni.

5. In effetti meta l-karigi tal-ufficcjali gholja tal-Korporazzjoni gew regolati b'kuntratt fl-1994 meta allura l-Korporazzjoni kellha Chairman gdid, ir-rikorrent nghata mill-gdid l-uzu ta' karozza ta' l-Enemalta.

Illi in sostenn ta' l-ilment tieghu ir-rikorrent kien bi hsiebu jressaq bhala xhieda l-persuni li isimhom jidher fl-annessa lista.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab sabiex dan it-Tribunal joghgbu jezamina u jiddeciedi dan l-ilment ai termini tal-Att VIII tal-1997 u li jakkordalu r-rimedju opportun billi jigi ordnat li jithallas lilu kumpens sal-massimu stabbilit mill-ligi.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet illi l-uzu ta' karozza kemm bil u kemm minghajr xufier ghal membri tal-Management tal-Korporazzjoni ma kien regolat l-ebda obbligu kuntrattwali kif indikat mir-rikorrent stess;

Illi l-uzu ta' karozzi kien inghata fuq bazi ta' policies u esigenzi li kien japplikaw f'dak il-perjodu.

Illi fil-fatt meta l-karigi tal-membri tal-Management gew regolati b'kuntratt - u dan ukoll jghidu r-rikorrent - huwa nghata l-uzu ta' karozza bhal kull ufficjal fil-grad tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Illi in segwitu fil-5 ta' Dicembru 2000 it-Tribunal minhabba li possibilment l-ilment tar-rikorrent seta' jezorbita mill-kompetenza tieghu ta lill-partijiet zmien biex jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet

dwar il-kwistjoni dwar il-kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae*** fuq l-ilment tar-rikorrent. Din id-decizjoni tirrigwarda il-kompetenza tat-Tribunal f'dan l-ilment.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ikkunsidra

Illi l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq li lir-rikorrent tnehhielu l-beneficcju ta' uzu ta' karozza provdut mill-istess Korporazzjoni. Infatti fir-rikors isemmi li hu komplimentari mal-hatra ta' Segretarju tal-Korporazzjoni kien hemm l-beneficcju tal-uzu tal-karozza u li mal-bidla tal-amministrazzjoni tali beneficcju gie sospiz. Isemmi li subaltern tieghu nghata l-uzu tal-karozza u li fl-1994 meta allura l-korporazzjoni kellha Chairman gdid hu rega' nghata l-uzu tal-karozza tal-Enemalta. Ghalhekk hu car fuq xiex gie intavolat ir-rikors.

Fl-affidavit ir-rikorrent semma li l-hatra kienet tintitolah ghall-uzu ta' vettura izda wara semma li c-Chairman il-gdid nehhielu b' mod arbitrarju x-xoghol li kellu u assenjalu xoghol amministrattiv iehor. Sostna li kien l-uniku ufficjal li tnehhielu l-beneficcju tal-uzu tal-karozza u li ghal xi zmien ma nghatalu ebda xoghol u wara

tawh xoghol ta’ korrispondenza qisu Clerk. Semma li l-karozza tieghu Z-2196 inghatat lic-Chief Security Officer. Semma li flok hallewh il-Head Office ittrasferewh fl-ufficcju tal-power station ta’ Dellimara.

L-abili difensur tar-rikorrent fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu ipprova ghalhekk jiggranfa mal-fatt li r-rikors ma jirrigwardax biss in-nuqqas tal-uzu tal-karozza. Isemmi li wara l-bidla fl-amministrazzjoni fl-1987 ir-rikorrent kien tnehha minn Segretarju tal-Korporazzjoni u li “dan huwa ahjar spjegat f’ paragrafu tlieta et sequitur tal-affidavit tal-esponenti. It-telf tal-beneficcju subit huwa konsegwenza tat-tnehhija arbitrarja tieghu minn din il-kariga.” Sostna li r-rikorrent bit-tnehhija tieghu mill-post tilef mhux biss il-hlas abbinat izda wkoll il-beneficcju tal-karozza.

Fil-kawza fl-ismijiet Joseph Barbara vs Med Serv Limited et deciza fl-10 ta’ Mejju, 1999 it-Tribunal qal:

Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

“6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara

ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew

restrizzjoni li kellha ggarrab.  Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti.  L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987.  Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni.  Issa f'dak l-artikolu 6  fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…"  Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.."  u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv.  Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa  u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent.  L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet,

promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi…

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-istess principju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni."

Ikkunsidra illi dak li jorbot it-talba tar-rikorrent huwa r-rikors u mhux l-affidavit tar-rikorrent. Il-Kap. 394 Artikolu 7(2) jghid "Ir-rikors ghandu jkun fih id-dikjarazzjoni dwar il-fatti li fuqhom ikun imsejjes…" Irrizulta b' mod car li l-fatti fir-rikors huma t-telf tal-beneficcju tal-uzu tal-karozza u mhux l-assenjazzjoni ta' doveri ohra jew nuqqas taghhom u anqas xi trasferiment. Billi wiehed jipprova jzid wara ilmenti ohra fl-affidavit dawn ma jirrendux talba li precedentement ma kenitx sostenibbli ghal wahda li tinkwadra ruhha fil-kompetenza tat-Tribunal. Ghal dawn il-motivi jiddikjara ruhu inkompetenti ***ratione materiae***.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.